# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Sabiex il-volontiera jagħtu lilhom infushom b'ġenerożità biex jaqdu lil dawk li għandhom bżonn.**

**Ninġabar:**

Insib post għal kwiet, nidħol fil-preżenza t'Alla u nitolbu sabiex jieħu kontroll ta' ħsibijiet f'dawn il-mumenti. Inħares issa lejn dawn l-eżempji ħajjin ta' volontarjat

**Eżempji ħajjin:**



**Is-sitta ta' filgħodu.** Daqq l-alarm u David iqum, jilbes u joħroġ. Qabel is-sitta u nofs iħabbat lil Nina, il-ġara anzjana li toqgħod maġenbu. Jieħu l-karta mitwija li tkun lestietlu, jitfagħha fil-but, jaqbad il-kelb tagħha Rex miċ-ċinga fl-id l-oħra u jerħulha jiġru fit-triq li tagħti lejn tarf ir-raħal. Waqt li sejrin lura, David jgħaddi jixtri xi affarijiet mingħand tal-growser, u fis-sebgħa u kwart ikunu d-dar. Nina tkun tinstennihom fil-bieb, tieħu l-kelb u l-baskett waqt li tirringrazzja lil David minn qalbha u tawguralu l-ġurnata t-tajba. Kieku ma kienx hu....!!

**It-tlieta ta' waranofsinhar**. Irina qamet wara li kienet xogħol ta' billejl, libset u telqet tgħaġġel lejn dar li toffri l-kenn lil tfal u ommijiet b'diffikultajiet. Dak il-ħin jiġu t-tfal lura mill-iskola u suppost jibdew il-homework. Tieħu gost tgħinhom jagħmlu x-xogħol għall-iskola. Irina kienet għalliema fil-pajjiż tal-oriġini tagħha iżda kellha taħrab minn hemm. Sa issa rnexxielha biss issib xogħol ta' billejl. Għallinqas hekk għandha ħin biex tagħmel dan ix-xogħol volontarju.

**Is-sitta ta' filgħaxija** Maria lestiet l-ikel u x-xogħol tad-dar ippjanat għal dik il-ġurnata. Illum it-Tlieta. Hi u żewġha jmorru jżuru d-dar tal-anzjani biex jgħinu fi programm ta' arti bħala terapija. Kienu ħadu dan it-taħriġ fil-kunsill tal-lokal. Tant għoġobhom li ddeċidew jaqsmu dak li tgħallmu ma' anzjani oħra li, minħabba problemi ta' mobbiltà, ma setgħux jattendu dan it-taħriġ.

Issa saru t-**tmienja.** David wasal id-dar għajjien. Nina ħallietlu messaġġ biex jgħaddi jieħu platt sħun li ħejjiet bix-xirja li għamlilha filgħodu . Tbissem għax illum reġa' ma kellux aptit isajjar! Li kieku ma kinux Rex u Nina ....!!

**Naħseb ftit:**

- Nieħu l-ħin nimmaġina kif kienet tkun il-ħajja ta' dawn in-nies kieku ma kienx hemm dawn il-volontiera.
- Matul ġurnata tipika tiegħi, nista' noffri għajnuna volontarja, imqar ta' ftit minuti, biex nagħmel differenza fil-ħajja tal-oħrajn?

**Nitlob:**

Missier, agħtini qalb sinċiera li tħobb lill-oħrajn, speċjalment dawk li l-iktar għandhom bżonni, u urini modi prattiċi kif nista' ngħinhom.

**Kliem ta' dawl:**

"Kull fejn iddawwar wiċċek għandek issib lil xi ħadd li jkollu bżonnok." *Albert Schwietzer*

**X'nista' nagħmel:**

Niftakar f'min tani daqqa t'id minn qalbu u nurih l-apprezzament tiegħi.

Insib mezz biex nagħti sapport lil xi volontier li naf u nagħmillu kuraġġ biex ikompli.

Naħseb f'xi kapaċità li għandi. Nirringrazzja 'l Alla ta' dan ir-rigal u nfittex l-okkażjoni biex naqsamha mal-oħrajn.